IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru65(Ħamsa u Sittin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar it-Tlieta 14 ta' Novembru, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **Assenti b'Apoloġija** | |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**65.1. Item Nru 65.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

65.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.15 u s-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li s-Sur Valvo mhux ser ikun jista jattendi għaliex għandu laqgħa tad-delegati tal-Partit Laburista.

**65.2. Item Nru. 65.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

65.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati b'mod unanimu.

**65.3. Item Nru. 65.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

65.3.1 Is-Sindku qal li r-rapport mal-MCCAA kollox iċċarajna u bgħatnilhom il-feedback tagħna bl-affarijiet li kellna nirranġaw.

Dwar il-bandli ta' isfel ser naqilgħu iż-żurżieqa li tinsab perikoluża u nagħmlu t-tapit kif suppost imgħad nibgħatu l-MCCAA li lesti.

65.3.2. Is-Sindku qal li dwar il-*jogging track* kitbulna lura mil-Uffiċċju tal-Prim Ministru biex niltaqgħa ma' xi ħadd mil-OPM. Ikollna aktar informazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

65.3.3 Is-Sindku qal li dwar l-iskema tal-infurzar li applikajna bdejna ninstallaw xi cameras minnhom.

65.3.4 Is-Sur Attard qal li l-attività ta' Halloween saret b'suċċess u kien hemm attendenza tajba mit-tfal tax-Xgħajra.

L-attività li jmiss hija ta' San Martin fejn il-Kunsill diġa beda jaħseb għal boroż biex inkunu nistgħu inqassmuhom lit-tfal tax-Xgħajra sabiex inżommu din it-tradizzjoni ħajja. Apparti l-borża ser il-Kunsill ser ikun qed jorganizza ħarġa għall-Baħrija propju għal festa ta' San Martin. Postijiet huma limitati għal 50 ruħ.

65.3.5 Is-Sindku qal li bdejna nħejju wkoll għal attivitajiet tal-Milied. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jibbenefika minn €10,000 fondi mir-Reġjun sabiex inkunu nistgħu nużawhom f' tiżjin u attivitajiet tal-Milied. Is-Sindku fakkar fl-attivitajiet li ser ikunu fis-17 ta' Dicembru, Festa tal-Milied għal familja kollha u fil-21 ta' Dicembru li ser isir il-Get together tradizzjonali.

Is-Sur Attard qal li l-posters diġa ġew ipprintjati u dalwaqt inqassmu l-fliers u jitwaħħlu l-banners.

Il-Kunsill iddiskuta wkoll u ser ikun qiegħed jikkollabora mal-iskola tax-Xgħajra għal attivitajiet li ser isiru fl-iskola.

65.3.6 Is-Sindku qal li l-Concession ġiet evalwata u l-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni li tiġi aċċettata l-offerta ta' The Pit. Il-Kunsill ftiehem li qabel jibda l-Kuntratt naraw li jkollna d-dawl u ilma installati fil-post.

65.3.7 Is-Sindku qal li l-periklu fi Triq l-Awrat għadu hemm u minkejja li diġa kellimna lil Infrastruttura Malta s'issa għadu ma sar xejn. Hu ippropona li nerġgħu nibgħatu tfakkira.

## 65.4 Item Nru 65.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

65.4.1 Is-Sur Camilleri staqsa jekk nistgħux inwaħħlu mera lejn Smart City għaliex id-dawra qiegħda kera ħafna. Is-Sindku qal li ser ikellem lil min jieħu ħsieb fi Smart City sabiex jagħmluha.

65.4.2 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux inweħħlu sleeping police fi Sqaq San Lawrenz. Il-Kunsill qabel li kif appena jkollna l-Van tal-Kunsill lest nagħmluha.

65.4.3 Is-Sa. Doris Borg staqsiet x' sar mil-ittra li ktibna tal-Avukat dwar iċ-ċentru Alijoy. Is-Sindku qal li l-Avukat daħħal l-ittra il-qorti u s'issa bqajna hekk. Għalhekk naraw jekk jirrispondux lura.

Is-Sa. Doris qalet ukoll li l-plakka taċ-ċentru safat ivvantalizzata wkoll.

65.4.4 Is-Sa Borg staqsiet meta ser niltaqgħu mar-rettur Spiritwali tax-Xgħajra. Is-Sindku qallha li ser jerġa jkellmu.

IX-XGĦAJRA

**65.5 Item Nru. 65.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

65.5.1 Ma kienx hemm rapporti

**65.6 Item Nru. 65.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

65.6.1 Ix-xogħol ġie diskuss aktar kmieni

**65.7 Item Nru. 65.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

65.7.1 Pagamenti b'numru 128 ġew approvati unanimament.

**65.8 Item Nru. 65.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

65.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**65.9 Item Nru. 65.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

65.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45pm. Aġġornament għal nhar it-Tnejn 11 ta' Diċembru.

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku